Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/3158

13.12.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/3158

## tat-12 ta' Diċembru 2024

## li taħtar Prosekutur Ewropew tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1696 tat-13 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([2]),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/133 tas-17 ta' Jannar 2023 li taħtar il-membri tal-bord tal-għażla previst fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 ([3]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni motivata u l-klassifikazzjoni tal-kandidati mħejjija mill-bord tal-għażla,

Billi:

(1) L-UPPE ġie stabbilit bir-Regolament (UE) 2017/1939.

(2) Il-Prosekuturi Ewropej jissorveljaw l-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1939.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1952 ([4]) ikkonfermat il-parteċipazzjoni tal-Iżvezja fil-kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-UPPE.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1696 tistabbilixxi r-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla previsti fl-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939 (ir-"regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla").

(5) Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939, kull Stat Membru parteċipant irid jinnomina tliet kandidati għall-pożizzjoni ta' Prosekutur Ewropew minn fost kandidati li huma membri attivi tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew tal-ġudikatura tal-Istat Membru rilevanti, li l-indipendenza tagħhom tkun mingħajr dubju u li jkollhom il-kwalifiki meħtieġa biex jinħatru f'kariga għolja ta' prosekuzzjoni jew ġudizzjarja fl-Istati Membri rispettivi tagħhom, u li jkollhom esperjenza prattika rilevanti tas-sistemi legali nazzjonali, ta' investigazzjonijiet finanzjarji u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali f'materji kriminali.

(6) L-Iżvezja nnominat tliet kandidati.

(7) Il-bord tal-għażla ħejja l-opinjoni motivata u l-klassifikazzjoni għal kull wieħed mill-kandidati nominati mill-Iżvezja li ssodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2017/1939 u ppreżentahom lill-Kunsill, li rċevihom fil-15 ta' Ottubru 2024.

(8) Skont ir-raba' paragrafu tar-Regola VII.2 tar-regoli ta' ħidma tal-bord tal-għażla, il-bord tal-għażla kklassifika lill-kandidati skont il-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom. Il-klassifikazzjoni tindika l-ordni ta' preferenza tal-bord tal-għażla u mhijiex vinkolanti fuq il-Kunsill.

(9) F'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2017/1939, wara li jkun irċieva l-opinjoni motivata tal-bord tal-għażla, il-Kunsill jagħżel u jaħtar wieħed mill-kandidati biex ikun il-Prosekutur Ewropew tal-Istat Membru parteċipanti inkwistjoni.

([1]) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.
([2]) ĠU L 282, 12.11.2018, p. 8.
([3]) ĠU L 17, 19.1.2023, p. 90.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1952 tas-16 ta' Lulju 2024 li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Iżvezja fil-kooperazzjoni msaħħa għall-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (ĠU L, 2024/1952, 18.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1952/oj).

(10) F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi, għandu jagħżel u jaħtar il-Prosekuturi Ewropej għal perjodu ta' sitt snin li ma jiġġeddidx.

(11) Il-Kunsill ivvaluta l-merti rispettivi tal-kandidati b'kont meħud tal-opinjoni motivata ppreżentata mill-bord tal-għażla.

(12) Fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-merti rispettivi tal-kandidati, il-Kunsill segwa l-ordni ta' preferenza mhux vinkolanti indikata mill-bord tal-għażla għall-kandidati nnominati mill-Iżvezja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-kandidat li ġej innominat mill-Iżvezja huwa b'dan maħtur Prosekutur Ewropew tal-UPPE għal perjodu ta' sitt snin li ma jiġġeddidx mill-14 ta' Diċembru 2024:

Is-Sur Martin BRESMAN.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

PINTÉR S.